# MUR OBSOR!

—Xi trid? Erġajt ġejt tiksirli rasi?—

—Le, sinjur, hawn wieħed irid ikelmek.—

—Għidlu jiġi darb'oħra; u ħallini fi kwieti, taf?—

—Imma, irid ikelmek sensaltru; staqsejtu xi jrid, imma qalli li dak li għandu jgħidlek, irid li jgħidulek rasu u rasek. — Mur tellgħu, u eħles isa.—

Vitor ħarġet tgħaġġel, li għal daqsxejn ma ċartitx il-komma mal-pum tal-bieb.

Gawdenz il-perit qiegħed in-nuċċali sewwa, għax qabel kien niżżlu fuq il-ponta ta' mnieħru biex jisma' l-Vitor; firex idejh it-tnejn fuq ktieb daqsiex u kollu mikul mill-kamla li kellu quddiemu fuq l-iskrivanija għaddas rasu fuqu bħal meta nanti b'għajnejha mgħamxin, bil-kemm tara, tnaqqi ż-żbib għal xi pudina u raġa' qabad jaqra fejn kien waqaf xħin daħlet il-qaddejja tiegħu Vitor. Il-perit kien mitluf fuq pjanta li ried jagħmel ta' biċċa bini bil-kif. F'dak il-ktieb qadim kien qiegħed jaqra fuq il-bini ta' żmien ilu, u issa jieqaf jixtarr dak li jkun qara, issa jħażżeż fuq karta kbira mifruxa donnha liżar, issa jħassar, iqis u jarġa' jħażżeż b'lewn aħmar u ikħal.

Wara frit reġgħet ġiet Vitor ma' żagħżugħ ta' xi tlieta-u-għoxrin sena li, għalkemm lìebes tajjeb, kellu dik il-marda kerha li jinsteħet quddiem xi wieħed minn dawk li, malli jieħdu l-lawrja, jibdew jagħmluha ta' kbar, jitfgħulek nuċċali fuq imneħirhom u erħilhom jitnabbru b'dawk l-erba' kelmiet bl-ingliż li jkunu tgħallmu fis-sajf Għar-id-dud.

"Idħlu," qal il-perit mingħajr ma qala' għajnejh minn fuq il-ktieb. Daħlu. Il-perit, li kien qiegħed jagħsar għerfu kollu fuq ħnejja kbira li kellu mħażża, u jqis il-ġenbejn biex jara tiflaħx il-bini li ried igħabbiha, baqa b'rasu mgħaddsa fuq il-karti.

Vitor ħarġet il-barra u dak iż-żagħżugħ għall-ewwel ħares lejn il-perit, imma meta rah li baqa jaqra, beda jħares b'ħarsa ftit u xejn mitlufa lejn in-nofs tużżana inkwatri ta' xi nies kbar li kellu mdendlin mal-ħajt, mingħajr ma jara x'fihom ħlief xi leħja twila jew xi xagħar imqanfed.

Fl-aħħar is-sur Gawdenz rafa rasu bil-herra u "Xi trid?" qallu. "Għax m'għidtx lis-seftura. Ma staqsietekx xi trid?—

—Iva sinjur, imma...

—Ħallini mill-imma; darb'oħra għid lis-seftura. Arma għid, għalfejn ġejt.

Iż-żagħżugħ tbegħren instamat, u beda ilaqlaq.—Ġejt ingħidlek... ġejt infakkrek...

"Ifakkarni..." qal f'qalbu l-perit. Tgħid ġie xi ħadd għalija, u Vitor ma qaltlix—Vitor! Vitor—.

—X'ix-xjaten igħarrquh ġara—qalet Vitor minn isfel u telgħet tgħaġġel it-taraġ. Kif daħlet baqgħet wieqfa f'nofs il-kamra għax il-perit minn wara l-iskrivanija beda jgħajjat: "Huwa ġie xi ħadd għalija u ma għidtlix? Narawha din...

—X'naraw... x'ma għidtlekx... inti x'inti tgħid?—

Il-perit dar fuq dak iż-żagħżugħ.—Mela x'għidtli int—.

—Le, sur perit, ma fhimtnix, lili bagħatni...(hawn ħares lejn Vitor, imma ftakar f'dak li kien qallu l-perit malli daħal, u baqa jgħid), lili bagħatni l-imgħallem biex infakkrek li dik il-libsa li għamillek għadha ma hix imħallsa.—

Fawra telgħet għal wiċċ il-perit, xtaq l-art tibilgħu, l-aktar għax kien hemm is-seftura qegħda tisma.

—X'libsa—qallu fgat, biex kieku jdewwiha, u dar fuq Vitor, u—Int x'int tagħmel hawn?—qallha mmasħan.

—Mela q'ed toħlom! Mhux int sejjaħtli!

—Barra għidtlek.—U Vitor ħarġet tgerger.

—U inti mnejn sa fejn tgħid dan il-kliem quddiem in-nies.

Il-qaddej aktar tħawwad meta ra x'qala bi kliemu; imma meta ra r-regħxa li ħa l-perit, bħal ħa r-ruħ u qallu b'leħen ftit u xejn bħal tas-seftura.

—Inti ma għidtlix li stajt ingħid lis-seftura? Mhix dik li kien hawn issa, is-seftura?—

—Ara ħallini, għidlu mbagħad narah.

—Għax...— kien sa jtenni, iżda l-perit maħnuq bid-demm ġo griżmejh qatagħlu kliemu u qallu: "Sejjer? mur għidtlek, u mbagħad narah jien.

Il-qaddej għaddas rasu u ħareġ il-barra.

* * *

"Mur obsor" kienet qiegħda tredden weħedha Vitor waqt li kienet qegħda tnaddaf qiegħ dixx tar-ross bi sponża ħarxa li x-xebbiet tagħna, għax aktar idurilhom għal ilsienhom igħidulu "Kitchen cleaner". "Mur obsor" mela għalhekk bagħatni għand Wenzu l-ħajjat xi darbtejn biex iqiegħidlu sewwa dawk il-buttuni tas-sidrija li qal li ma kenux imwaħħlin tajjeb.

Uffi għalik kemm taf tagħmilhom. Mur għidilhom lil dawk is-sinjuri li ġew jarawh ix-xahar li għadda li dik il-libsa li tant għoġbithom ilha mdejna xahrejn... U mbagħad idur għalija, u jkeċċini hekk bla mistħija, nirrah jifles... għax qattus it-torok sa għada filgħodu nofs il-belt tkun taf!... Oi, għandu jkun nieżel it-taraġ...

—Vitor—

—Hawn, sinjur—u mingħajr ma telqet l-isponża u d-dixx, ħarset minn fuq spallejha.

Il-perit imdaħħal ġo qoxortu, jimxi bil-kemm jagħmel ħoss, daħal fil-kċina, resaq lejn Vitor u b'leħen miksur qallha:

—Vitor, ara ma tagħmillix xi biċċa; ara ma jmurx ifettillek tgħid x'qalli dak iż-żagħżugħ...—

—Issa, ma tarax, sinjur; mela ma tafx li jiena m'iniex minn dawn—qaltlu Vitor li meta ratu q'ed jitkellem b'dik il-ħlewwa barranija, il-buri kollha li kellha taru mar-riħ.

Ed. Coleiro.